Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2013

Rikors Numru. 60/2007

**Anthony Attard, Anthony Attard, Armando Chircop u Anthony Spiteri**

**Vs**

**Unjoni Haddiema Maghqudin, Malta Maritime Authority (li llum tidher flokha l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta), l-Onorevoli Prim'Ministru, il-Ministru ghall-Kompetitivita' u l-Komunikazzjonijiet u l-Avukat Generali**

Dan il-kaz kien jitratta kontestazzjoni dwar l-Avviz Legali 437 tal-2007 f'dik il-parti li kien jistabbilixxi l-eta' meta r-

rikorrenti kellhom jirtiraw mix-xoghol u b'hekk ma gietx imgedda l-licenzja ta' foreman tal-Haddiema tal-Port. Fis-sentenza li tat din il-qorti fis-7 ta' Novembru 2011, hemm rijassunt tal-fatti:

*"Fost il-mizuri li sar qbil dwarhom kien hemm dik illi il-foremen, bhall-haddiema l-ohra tal-port, jirtiraw meta jilhqu l-eta' ta' 61 sena; dawn il-mizuri illu gew implementati fl-Avviz Legali 437 tal-2007 li nhareg taht l-art. 17 tal-Kap. 171. L-atturi lkoll ghalqu l-61 sena u ghalhekk jintlaqtu b'din l-emenda, li jghidu li ccahhadhom mill-proprjeta' tal-licenza u hija kontradittorja. Ma huwiex kontestat illi, ukoll qabel ma nhareg dan l-avviz legali, il-licenza ta' foremen tal-haddiema tal-port kienet tinghata ghal sena u tiggedded minn sena ghal sena u dik tal-atturi, bhal tal-foremen l-ohra, ghalqet fil-31 ta' Dicembru 2007. Billi fl-1 ta' Jannar 2008 ga kellhom 61 sena jew aktar, il-licenza ma ggedditilhomx minn dakinhar, hlief ghall-attur Armando Chircop, li ghalaq 61 sena fit-23 ta' April 2008 u l-attur Anthony Spiteri li ghalaq 61 sena f'Dicembru 2008"*.

Fis-sentenza l-qorti qalet li kien inkiser id-dritt tar-rikorrenti ghall-harsien ta' proprjeta' taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, wara li l-qorti kkonkludiet li:-

i. Il-licenzja ta' foreman li kellhom ir-rikorrenti kienet possediment, u n-nuqqas ta' tigdid ta' licenzja jiswa daqs tehid tal-licenzja. Dan kien jitlob li t-tehid isir bis-sahha ta' ligi li tiswa.

ii. Ir-regolament dwar l-irtirar mandatorju, introdott bl-Avviz Legali 437 tal-2007 kien ultra vires il-poteri tal-Ministru gialdarba fl-enabling law (Kap. 171) il-Ministru responsabbli ma kellux l-awtorita' li jimponi d-data meta nies bhar-rikorrenti, li kienu self-employed, kellhom jirtiraw (Artikolu 17).

Il-qorti qalet ukoll li ghal dan il-ksur ghandu jwiegeb il-Gvern ta' Malta, li fil-kawza qeghdin jidhru ghalih il-Prim'Ministru, Il-Ministru ghall-Kompetitivita' u l-Komunikazzjonijiet u l-Avukat Generali. B'hekk l-intimati l-ohra gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Sentenza li

giet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali b'sentenza ohra tat-28 ta' Gunju 2012.

S'issa gew decizi l-ewwel, it-tieni u l-hames talbiet.

Talbiet ohra huma:

*"3. Tordna lill-intimati jew lil min minnhom li bl-ebda mod ma jispussessaw lir-rikorrenti mid-dritt imsemmi fl-ewwel talba, la direttament u lanqas indirettament, billi jaslu f'xi ftehim ma' nies ohra li ghandhom licenzja, jew billi ma tiggeddidx il-licenzja tal-esponenti, jew billi jsir regolament halli jigu forzati li jirtiraw mix-xoghol.*

*4. Stante l-urgenza tal-kwistjoni, u stante li hemm il-mandat ta' inibizzjoni, u biex ma tithalliex il-possibilita' li b'nuqqas ta' tigdid jew b'regolament jsiru l-vjolazzjonijiet, li din l-Onorabbli Qorti taghti pendente lite dawk ir-rimedji halli tassigura li ma jinbidilx l-istat attwali, u b'hekk jigi indirettament frustrati l-effetti tal-mandat u mwettqa l-vjolazzjonijiet hawn fuq lamentati"*.

Ir-rikors kien prezentat fl-20 ta' Novembru 2007. Illum m'hemmx lok li tinghata lura l-licenzja ghaliex fit-2 ta' Frar 2008 kien sar ftehim mal-Gvern u li bih gie miftiehem li x-xoghol ta *foremen* jinghata lill-Koperattiva. Ir-rikorrenti ma kienux parti ghal tali ftehim. Wara t-trapass ta' dawn is-snin ir-rikorrenti tilfu xogholhom. L-offerta li jinghataw lura l-licenzja wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-28 ta' Gunju 2012, kienet ghal xejn ghaliex ir-rikorrenti kienu diga' ilhom numru ta' snin li tilfu l-licenzja, u ghalhekk xogholhom. Fil-fehma tal-qorti l-uniku rimedju effettiv li jibqa' hu hlas ta' kumpens.

Minhabba li l-proceduri ilhom snin pendenti, ir-rikorrenti ma setghux jibqghu jaghmlu dan ix-xoghol gialadarba l-licenzja ma kenitx qeghda tigi mgedda. F'dan ir-rigward Armando Chircop xehed:-

*"Wara li spiccat il-kawza saritilna offerta biex nergghu niehdu l-licenzja imma ghalija u anki ghal shabi din kienet cajta ghaliex ix-xoghol kollu issa wara hames snin gie*

*inkanalat lejn il-membri tal-koperattiva li ghandhom il-licenzja u ma ghadhomx il-klijenti taghna izjed. Dawn ghaddew f'idejn haddiehor b'kuntratt u allura ma nistghux immorru ngibuhom lura bhala klijenti. Allura l-licenzja tkun kompletament inutli. Ghalhekk il-potenzjal taghna intemm. Huwa ghalhekk li ahna qed infittxu ghal kumpens"* (fol. 427).

Il-qorti m'ghandix raguni ghalfejn tiddubita din il-verzjoni.

Ir-regolamenti tal-Avviz Legali 437 tal-2007 dahlu fis-sehh **fl-1 ta' Jannar 2008**. Ghalhekk il-qorti qeghda tifhem li minn dakinhar min mir-rikorrenti kien diga' ghalaq l-eta' ta' wiehed u sittin (61) sena ma kellux il-licenzja mgedda.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezenta l-Gvern fit-30 ta' Awissu 2013 jargumenta li:-

(i) il-qorti ghandha diskrezzjoni dwar it-tip ta' rimedju li tista' taghti u mhux tenut li f'kull kaz taghti kumpens bhala rimedju;
(ii) ghalkemm din il-qorti tista' taghti kumpens, izda *"certament tali kumpens m'huwuiex l-istess kumpens li persuna tista' tottjeni fi procedura civili ordinarja. In fatti meta jinghata kumpens f'kawza kostituzzjonali tali kumpens ikun wiehed baxx u ghalhekk individwu ma jistax jippretendi li tramite azzjoni kostituzzjonali jottjeni l-istess rimedju li jista' jottjeni minn azzjoni civili ordinarja"*.

Il-qorti ma taqbel xejn ma dan it-tip ta' ragunament. M'hemm xejn x'jippreckludi lir-rikorrenti milli f'dawn il-proceduri jitolbu u jinghataw kumpens ghat-telf ta' qliegh li sofrew, minkejja li dan il-procediment m'huwiex kawza civili bazata fuq id-dritt tat-tort. Semplici dikjarazzjoni li d-drittijiet fundamentali gew lezi, mhu l-ebda rimedju ghar-rikorrenti. Il-vjolazzjoni li sofrew ir-rikorrenti hi wahda serja, meqjus li tilfu l-ghodda li biha kienu qeghdin jaqilghu l-ghixien taghhom. Fil-fehma tal-qorti ghandhom jinghataw rimedju li kemm jista' jkun igibhom fl-istess posizzjoni li kienu jkunu kieku ma dahalx fis-sehh ir-regolament. F'dan ir-rigward Lord Woolfe osserva fl-appell **Anufrijeva et vs Southwark London Borough Council** (2004):-

*"Despite these warnings it is possible to identify some basic principles the Court of Human Rights applies. The fundamental principle underlying the award of compensation is that the court should achieve what it describes as restitutio in integrum. The applicant should, in so far as this is possible, be placed in the same position as if his Convention rights had not been infringed. Where the breach of a Convention right has clearly caused significant pecuniary loss, this will usually be assessed and awarded. The awards of compensation to homosexuals, discharged from the armed forces, in breach of article 8, for loss of earnings and pension rights in Lustig-Prean and Beckett v United Kingdom (2000) 31 EHRR 601 and Smith and Grady v United Kingdom (2000) 31 EHRR 620 are good examples of this approach."*.

Il-qorti ser tghaddi biex titratta l-kaz ta' kull wiehed mir-rikorrenti b'mod individwali:-

**<u>Armando Chircop (ID 414547M)</u>**.

Twieled fit-23 ta' April 1947. Ghalhekk ghalaq wiehed u sittin (61) sena fit-23 ta' April 2008.

Ipprezenta prospett tal-qliegh li kellu ghas-snin matul is-snin **2003-2007** (fol. 437-442):-
2003…………..€21,148.
2004…………..€24,838.
2005…………..€23,797.
2006…………..€24,212.
2007…………..€24,325.

Ir-rikorrent jippretendi li ghal dak li jikkoncerna dhul li kien jaghmel mill-fatt li kellu licenzja, il-kalkoli ghandhom isiru fuq dhul ta' €24,083 ghal kull sena. Meta tara d-dhul li kellu matul is-snin 2003-2007, il-qorti tqies li din hi cifra ragovenoli.

Certament li meta l-qorti tillikwida telf ta' qliegh futur tkun qeghda fil-kamp ta' incertezza meqjus li m'huwiex

maghruf kemm ir-rikorrent kien ser jibqa' jaghmel dan ix-xoghol. Fic-cirkostanzi l-qorti[1]:-

i. Ser taghmel il-kalkoli sal-eta' ta' 71 sena. F'dan il-kaz fuq 11 il-sena, peress li dan ir-rikorrent ghalaq 61 sena fit-23 ta' April 2008, u allura kien minn dakinhar li ma kienx iktar possibbli ghalih li jezercita s-sengha tieghu. Total ta' **€264,913**.

ii. M'hijiex ser tnaqqas xi persentagg ghal fatt li l-hlas ser isir f'daqqa, gialadarba:-

(a) fil-kalkoli m'hijiex izzid somma ghall-awment fir-rata ta' hlas meqjus l-indici ta' inflazzjoni;
(b) jista' jaghti l-kaz li r-rikorrent jibqa' f'sahhtu lil hin mill-eta' ta' 71 sena.
(c) diga' ghaddew kwazi sitt (6) snin minn meta dahal fis-sehh l-Avviz Legali u r-rikorrenti gew imcahhda mill-licenzja.
(d) Illum ir-rikorrent diga' ghandu sitta u sittin (66) sena u m'hemmx prova li qieghed ibati minn xi mard terminali li jirrendih inkapaci li jkompli jahdem kieku ghad ghandu l-licenzja.

Ir-rikorrent ghamel ukoll riferenza ghall-kumpannija Jack Chircop Limited li jghid li kienet *stevedoring company* u qal li b'rizultat li ma tkomplitx tiggeddilu l-licenzja, sofra telf ta' qliegh ta' 60% tal-introjtu li kellha. Fil-fattipprezenta taghrif relata mad-dhul li kellha matul is-snin 2003 sal-2007. Pero din il-kumpannija m'hijiex parti ghal dawn il-proceduri. Jekk kien hemm xi telf dan sofrietu Jack Chirop Limited li ghandha l-personalita' guridika indipendenti minn dik tal-azzjonisti. Ma saritx prova li l-kumpannija kienet qeghda tqassam id-dhul f'dividend, dan apparti li mit-taghrif li nghata jirrizulta li hemm snin fejn kienet qeghda topera b'telf.

[1] Ir-ragunament li qeghda taghmel il-qorti japplika ghal kull wiehed mir-rikorrenti.

**Anthony Attard (ID 579445M)**.

Twieled fit-13 ta' Lulju 1945. Ghalhekk ghalaq wiehed u sittin (61) sena fit-13 ta' Lulju 2006, u llum ghandu 68 sena.

Ipprezenta prospett tal-qliegh li kellu ghas-snin matul il-perjodu **2002-2007** (fol. 460-465):

2002………….. Lm8,050.
2003…………...Lm8,019.
2004…………...Lm7,957.
2005……………Lm8,145.
2006……………Lm8,377.
2007……………Lm9,899.

F'dan il-kaz minn sena ghall-ohra ma kienx hemm daqstant avarija fid-dhul. Dan ir-rikorrent jippretendi li l-kakoli jsiru fuq dhul annwali ta' €23,000. Meta tqies l-awment fid-dhul li kien qieghed jirregistra matul is-snin, hu probabbli li din ic-cifra kienet tibqa' toghla ghalkemm mhux b'hafna. Ghalhekk tqies li dak li qieghed jitlob hu ragonevoli.

Fl-1 ta' Jannar 2008 kellu 62 sena.

Il-qorti qeghda tibbaza l-kalkoli sal-eta' ta' 71sena, u ghalhekk fil-kaz ta' dan ir-rikorrent it-telf ta' qliegh hu ta' €23,000 x 9 ½ snin = **€218,500**.

Il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn ghandha tnaqqas xi persentagg minn din ic-cifra ghal fatt li parti mill-hlas ser ikun qieghed isir bil-quddiem peress. Illum ghandu tmienja u sittin (68) sena u ghalhekk m'hemmx dik l-incertezza li tista' tiggustifika xi tnaqqis. Dan apparti r-ragunament l-iehor li sar fil-kaz tar-rikorrent ta' qabel.

**Anthony Spiteri (ID 10748M)**.

Qal li twieled fis-26 ta' Dicembru 1947 (fol. 493). Ghalhekk ghalaq 61 sena fis-26 ta' Dicembru 2008.

Ipprezenta prospett tal-qliegh li kellu ghas-snin matul is-snin **2003-2008** (fol. 489):

2003…………..€13,562;
2004…………..€13,534;
2005…………..€14,279;
2006…………..€16,003;
2007…………..€19,224;

Hu evidenti li wkoll f'dan il-kaz id-dhul tar-rikorrent baqa' jizdied. Ghalhekk il-qorti ser taghmel kalkoli fuq dhul ta' €19,000 fis-sena.
Fl-1 ta' Jannar 2008 kien ghadu ma lehaqx l-eta' pensjonabbli, u fil-kaz ta' dan ir-rikorrent il-kalkolu jrid isir fuq ghaxar (10) snin. Dan ifisser €19,000 x 10 = **€190,000**.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezenta fis-16 ta' Lulju 2013 ippretenda li l-kumpens jigi kkalkolat a bazi ta' dak li jinghad f'ittra li ntbaghatet lilu minn Transport Malta tat-2 ta' Mejju 2012 (fol. 486). Il-qorti ma taqbilx gialadarba d-dhul li ddikjara r-rikorrent hu 'l boghod hafna mic-cifri li jissemmew fl-ittra. Fid-dokument (fol. 489) li pprezenta r-rikorrent jinghad: *"This is to certify that Mr Anthony Spiteri I.D. n. 10748M of La Mirage, Triq Clarence, Pieta, MSD07, Malta **declared** the following Gross Income, Tax paid and National Insurance contribution paid, for the following years…."*. Il-qorti ikkalkolat il-kumpens a bazi tad-dhul li ddikjara r-rikorrent stess, li tipprezumi hi l-verita' u mhux xi cifra falza bl-ghan li jhallas inqas taxxa. Meta tara d-dhul li ddikjara r-rikorrent sal-ahhar tas-sena 2008 m'huwiex probabbli li s-sena ta' wara (2009) kien ser izid il-qliegh tieghu b'100%.

Dan ir-rikorrent qieghed jippretendi wkoll kumpens ghal dak li jiddeskrivi bhala l-valur tal-licenzja, billi argumenta: *"Fil-kaz odjern huwa possibbli li wiehed jasal ghal valur tal-licenzja billi jirrizulta li l-awtorita intimata tat lill-haddiema ohra tax-xatt li ghazlu jirtiraw s-somma ta' Lm8,000 fis-sena ghal ghaxar snin (cioe Lm80,000) u ma' din zdiedet is-somma ta' Lm4,800 fis-sena ghas-snin li kien ghad fadal sabiex jilhqu l-eta pensjonabbli.. Dan*

*ifisser li l-intimati qiesu li l-licenzja kellha valur ta' Lm80,000 jew ahjar 186,000 Euro"*. Il-qorti ma taqbel xejn ma' dan ir-ragunament stante li:-

- Mill-provi ma rrizultax li l-licenzja hi possediment li jista' jigi nnegozjat. Ir-rikorrent Chircop xehed: *"[….] l-licenzja taghna ma tintiritx" (fol. 49)*;
- Il-kumpens talli bl-Avviz Legali giet kancellata l-licenzja mal-gheluq ta' 61 sena, diga' gie likwidat hawn fuq.
- Jidher li l-kalkoli li setghet ghamlet l-Awtorita' m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-valur tal-licenzja per se, imma max-xoghol li wiehed kien qieghed jitlef peress minhabba l-iskema ta' *early retirement* li jidher li giet introdotta.

**<u>Anthony Attard (ID 224645M)</u>**.

Twieled fit-12 ta' Marzu 1945. Ghalaq l-eta ta' 61 sena fit-12 ta' Marzu 2005.

Fil-kaz ta' dan ir-rikorrent, hu xehed li l-introjtu li kellu ghas-snin 2003 sa 2007

2003…………….€11,267
2004…………….€15,325
2005…………….€12,548
2006…………….€7,242
2007…………….€5,963
Il-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq dhul ta' €7,000 gialadarba fl-ahhar sentejn qabel gie mcahhad mil-licenzja d-dhul tieghu kien diga' naqas konsiderevolement.

Fl-1 ta' Jannar 2008 kellu 63 sena.

Il-qorti qeghda tibbaza l-kalkoli sal-eta' ta' 71 sena, u ghalhekk fil-kaz ta' dan ir-rikorrent it-telf ta' qliegh hu ta' €7,000 x 8 snin = **€56,000**.

**<u>Danni mhux pekunjarji</u>**.

Ir-rikorrenti jippretendu wkoll hlas ta' somma flus bhala danni morali. L-Avukat Generali jsostni li: *"[….] sabiex persuna tinghata danni non pekunjarji trid tipprova li l-ansjeta' tkun ta' certu intensita' u li tali Danni jinghataw biss f'cirkostanzi eccezzjonali jew f'kazijiet ta' gravita eccezzjonali"*[2].

Illum hu stabbilit li fl-1 ta' Jannar 2008 ir-rikorrenti kollha gew imcahhdin minn licenzja li kellhom dritt ghaliha. Dan wassal ghall-indhil gravi fit-tgawdija ta' hwejjighom, cjoe' l-licenzja li kienet ghodda essenzjali biex jaqilghu l-ghixien taghhom u tal-familja. Mal-bidu tas-sena 2008 meta normalment wiehed jiccelebra l-bidu ta' sena gdida, spiccaw ma jistghux ikomplu jahdmu bhala foremen tax-xatt. Ir-riferenza li ghamel il-Gvern ghall-kaz Silver vs UK (1983) m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz in ezami. F'dan il-kaz wara snin twal ta' xoghol ir-rikorrenti kollha sabu ruhhom bla xoghol u bla qliegh. Fatt li fih inniffsu kien bizzejjed biex inissel dwejjaq u ansjeta' f'kull wiehed mir-rikorrenti.

F'dan ir-rigward il-qorti qegha tillikwida s-somma ta' **sitt elef ewro (€6,000**) pagabbli lil kull wiehed mir-rikorrenti ghal darba wahda biss.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tikkundanna lill-Gvern ta' Malta kif rapprezentat mill-intimati, is-somma ta':**

**1. Mitejn erba' u sittin elf disa' mija u tlettax-il ewro (€264,913) lil Armando Chircop; mitejn u tmintax-il elf u hames mitt ewro (€218,500) lil Anthony Attard (ID numru:- 579445M); mija u disghajn elf ewro (€190,000) lil Anthony Spiteri; u sitta u hamsin elf ewro (€56,000) lil Anthony Attard (ID numru:- 224645M) bhala kumpens ghat-telf ta' qliegh u bl-imghax mil-lum;**

[2] Ara nota ta' sottomissjonijiet prezentata fit-30 ta' Awissu 2013 (fol. 5 tan-nota).

**2. Sitt elef ewro (€6,000) lil kull wiehed mir-rikorrenti bhala kumpens ghal danni mhux pekunjarji u bl-imghax mil-lum.**

**Spejjez huma a karigu tal-intimati b'dan li l-ispejjez ta' dawk l-intimati li kienu gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju b'sentenza precedenti huma a karigu tar-rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------